# Programm ta’ Kurrikulu Bażiku fl-Istorja

## L-iskop ta’ dan il-programm

Dan il-programm kurrikulari jindirizza l-problemi ta’ dawk l-istudenti li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu. Huwa importanti għall-għalliem tal-Istorja li jagħmel l-aħjar li jista` biex jgħin studenti bħal dawn. Għalhekk l-esperjenzi ta’ tagħlim għandhom jinkludu xogħol li jkun tal-livell tal-istudenti u li jiġġenera l-interess fihom. Dan ix-xogħol għandu jkun qasir, relevanti u varjat u jista’ jsir fil-ħin limitat li jkollu l-għalliem. Huwa importanti li l-miri tiegħu jistgħu jintlaħqu mill-istudenti.

## L-importanza tal-assessjar formattiv

Dan il-programm kurrikulari jixtieq jagħti l-importanza xierqa lill-assessjar formattiv. Permezz ta’ dan it-tip ta’ assessjar, l-assessjar isir parti integrali mill-proċess tat-tagħlim. L-assessjar għandu jgħin lill-istudenti jagħmlu progress fit-tagħlim tagħhom. L-assessjar formattiv jgħin lill-għalliema u l-istudenti jifhmu l-progress li jkun sar u jaraw fejn jistgħu jaħdmu iżjed. B’hekk l-istudenti janalizzaw b’mod kritiku l-qualita` tax-xogħol tagħhom u kif dan jista’ jsir aħjar. Kien għal dan l-iskop li ġiet imfassla din l-iskema tal-assessjar.

## Struttura tal-Assessjar

Dan il-kors ta’ tlett snin għandu jwassal lill-istudenti biex jissodisfaw il-kriterji tal-ewwel Grad tal-Qafas tal-kwalifiki Ewropej. Fuq medda ta’ tliet snin il-bilanċ għandu jkun ta’ 50% fuq l-assessjar kontinwu, 50% fuq assessjar b’mod orali. Matul it-tliet snin isiru assessjar kontinwu u assessjar b’mod orali jkollhom l-istess piż għal marka globali. It-Tabella ta’ hawn taħt tispjega b’mod viżwali l-istruttura għat-tlett snin.

| Sena | Assessjar Annwali | Perċentaġġ totali għal kull sena |
|---|---|---|
| 9 | 50% Assessjar matul is-sena<br>50% Eżami Orali Annwali | 100% |
| 10 | 50% Assessjar matul is-sena<br>50% Eżami Orali Annwali | 100% |
| 11 | 50% Assessjar matul is-sena<br>50% Eżami Orali Annwali | 100% |

Fl-aħħar tal-Ħdax-il sena jinħadem il-persentaġġ globali tat-tliet marki totali ta’ kull sena.

## Il-Ħdax-il Sena

| **11.1 It-Tempji Preistoriċi f'Malta** | |
|---|---|
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| Ikollhom tagħrif dwar fein instabu fil-Gżejjer Maltin l-imqades l-iżjed importanti u jifhmu l-istrutturi u l-karatteristiċi ta' dawn u d-dawl li jitfgħu fuq it-twemmin reliġjuż.<br><br>Jifhmu u jikkonsidraw iżjed fid-dettal l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. | *Referenza* għall-imqades prinċipali:<br>• L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni;<br>• Tal-Ġgantija;<br>• Ta' Ħaġar Qim;<br>• Ta' Ħal Tarxien;<br>• Tal-Imnajdra; |

| **11.2 Fdalijiet oħra mill-Preistorja** | |
|---|---|
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| Ikollhom tagħrif dwar fdalijiet oħra mill-Preistorja Maltija u jifhmu x'dawl jistgħu jagħtu fuq il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien. | Il-fdalijiet li għadhom jiġu studjati huma:<br>• Għar Dalam;<br>• l-ewwel fdalijiet ta' djar fi Skorba;<br>• il-ħitan difensivi, eż. Borġ in-Nadur;<br>• id-Dolmen u l-Menhir;<br>• ir-Raddi tar-Roti jew *Cart Ruts.* |

| **11.3 X'jagħmilna Maltin** | |
|---|---|
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| ikollhom tagħrif u jifhmu x'jifforma l-identità Maltija. | • il-Lingwa Maltija;<br>• festi, drawwiet u tradizzjonijiet;<br>• il-valuri Insara;<br>• simboli nazzjonali bħal il-Bandiera Maltija, l-Innu Nazzjonali, Widnet il-Baħar, il-Merill u s-Salib ta' Malta. |

<table>
<tr><th colspan="2">11.4 Ir-Razzett Malti</th></tr>
<tr><th>Miri ta’ Tagħlim</th><th>Punti Prinċipali</th></tr>
<tr><td colspan="2">L-istudenti għandhom:</td></tr>
<tr><td>Ikollhom tagħrif dwar ir-razzett Malti.</td><td>• mibni f’nofs ir-raba’;<br>• oriġini Għarbija (saqaf ċatt biex jinġabar l-ilma tax-xita u ismijiet tal-kmamar semitiċi eż. għorfa);<br>• adattat għall-klima Maltija (iżomm il-frisk fis-sajf u s-sħana fix-xitwa);<br>• joffri kenn u sigurtà;<br>• jaqdi l-bżonnijiet soċjali u ekonomiċi tal-bidwi.</td></tr>
<tr><td>Jifhmu l-karatteristiċi ewlenin tiegħu u għala dan kien importanti.</td><td>• deskrizzjoni ta’ razzett tipiku. Erba’ partijiet prinċipali u l-użu tagħhom:<br>➢ maqjel<br>➢ għorfa<br>➢ bitħa<br>➢ mandra<br>• karatteristiċi oħra, eż. kantunieri u ħnejjiet mibnija bis-sejjieħ, bir jew ġibja għall-ħażna tal-ilma, xorok, ċangaturi tal-franka midluka biż-żejt tal-kittien, nuqqas ta’ ħġieġ fit-twieqi, l-użu tal-kileb, taraġ mikxuf fil-bitħa (setaħ), ġeneralment sular wieħed, eċċ.</td></tr>
<tr><td>Jifhmu l-użu tiegħu llum.</td><td>• Bosta rziezet illum saru ‘converted farmhouses’, rziezet irranġati b’kumditajiet u lussu biex jgħixu fihom. Popolari mat-turisti.</td></tr>
</table>

| 11.5 Karatteristiċi oħra ewlenin tal-kampanja Maltija | |
|---|---|
| ***Miri ta' Tagħlim*** | ***Punti Prinċipali*** |
| L-istudenti għandhom: | |
| Ikollhom tagħrif dwar il-ħitan tas-sejjieħ u jifhmu x'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tagħhom. | • X'aktarx imorru lura għall-ħakma Għarbija;<br>• jifirdu għalqa minn oħra u l-għelieqi mit-toroq;<br>• speċi ta' taraġ biex l-għelieqi jinħadmu fuq terran wieħed;<br>• idejali għall-kundizzjonijiet ġeografiċi ta' Malta;<br>• mibnija b'sengħa kbira, ġebla fuq ġebla mingħajr tajn, ġebel ta' daqs differenti;<br>• iżommu l-ħamrija milli tinġarr bix-xita;<br>• dawn il-ħitan ikunu mimlija pjanti u ħaxix selvaġġ kif ukoll annimali u nsetti. |
| ikollhom tagħrif dwar il-giren u jifhmu l-karatteristiċi ewlenin tagħhom u għala dawn kienu importanti. | • tintuża għal kenn mill-qilla tax-xemx, xita jew ksieħ;<br>• serviet ukoll bħala maqjel fejn ir-raħħala jdaħħlu l-bhejjem, jagħlfuhom u jħalluhom jistkennu;<br>• mibnija b'ġebel li jinġabar mill-għalqa;<br>• mibnija fuq stil ta' ħajt tas-sejjieħ;<br>• giren tondi u kwadri;<br>• ħajt ta' ġewwa jinbena inklinat biex jifforma saqaf forma ta' koppla;<br>• ħitan dobblu. L-ispazju jimtela bil-mazkan u ż-żrar;<br>• bieb wieħed li jħares lejn Lvant;<br>• l-importanza tal-preservazzjoni tagħha. |
| ikollhom tagħrif dwar dawn u jifhmu x'kienu l-karatteristiċi ewlenin. | • Barumbara:<br>• żewġ fillieri toqob magħmulin apposta biex ibejjet fihom il-ħamiem;<br>• insibuha mal-ħitan ta' rziezet qodma;<br>• ġeneralment mibnija fil-għoli. |

**N.B. Wara l-eżami ta' Frar, l-għalliema tal-11-il Sena jistgħu jagħżlu skont id-diskrezzjoni tagħhom jew bi qbil mal-istudenti, xi temi dwar l-istorja (eż. xi ċiviltä antiki, xi siti storiċi fil-lokal, studju dwar xi sit storiku qabel u wara li kien restawrat, xi ġrajja kurrenti fi sfond storiku, eċċ.) u jiżviluppaw attivitajiet marbutin magħhom, skont l-abbiltajiet u l-interessi tal-istudenti.**